ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 215

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

10 ta' Awwissu 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 770/2013 tat-8 ta' Awwissu 2013 għat-twettiq ta' tnaqqis tal-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2013 minħabba sajd żejjed fis-snin preċedenti** ........ 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 771/2013 tad-9 ta' Awwissu 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........ 14

**Avviż lill-qarrejja – Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

**Nota lill-qarrejja – kif tirreferi għall-atti** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

**Prezz: EUR 3**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 770/2013

## tat-8 ta' Awwissu 2013

## għat-twettiq ta' tnaqqis tal-kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2013 minħabba sajd żejjed fis-snin preċedenti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 105(1), (2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tas-sajd għall-2012 kienu stabbiliti bir-Regolamenti li ġejjin:

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1225/2010 tat-13 ta' Diċembru 2010 li jiffissa għall-2011 u l-2012 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-UE għal stokkijiet ta' ħut ta' ċerti speċijiet tal-baħar fond ([2]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1256/2011 tat-30 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2012 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1124/2010 ([3]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 5/2012 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi għall-2012 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar l-Iswed ([4]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 43/2012 tas-17 ta' Jannar 2012 li jiffissa, għall-2012, l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut li mhumiex suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ([5]), u

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 44/2012 tas-17 ta' Jannar 2012 li jiffissa għall-2012 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ([6]).

(2) Il-kwoti tas-sajd għall-2013 kienu stabbiliti bir-Regolamenti li ġejjin:

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1262/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 li jiffissa għall-2013 u l-2014 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond ([7]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1088/2012 tal-20 ta' Novembru 2012 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2013 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku ([8]),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1261/2012 tal-20 ta' Diċembru 2012 li jistabbilixxi għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar l-Iswed ([9]),

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) ĠU L 336, 21.12.2010, p. 1.
([3]) ĠU L 320, 3.12.2011, p. 3.
([4]) ĠU L 3, 6.1.2012, p. 1.
([5]) ĠU L 25, 27.1.2012, p. 1.
([6]) ĠU L 25, 27.1.2012, p. 55.
([7]) ĠU L 356, 22.12.2012, p. 22.
([8]) ĠU L 323, 22.11.2012, p. 2.
([9]) ĠU L 356, 22.12.2012, p. 19.

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 39/2013 tal-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa, għall-2013, l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut li mhumiex suġġetti għal negozjati jew ftehimiet internazzjonali ([1]), u

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 40/2013 tal-21 ta' Jannar 2013 li jiffissa għall-2013 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli l-filmijiet tal-UE u, għall-bastimenti tal-UE, f'ċerti ilmijiet mhux tal-UE għal ċerti stokkijiet tal-ħut li huma suġġetti għal negozjati ([2]).

(3) Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, meta l-Kummissjoni tkun stabbiliet li Stat Membru jkun qabeż il-kwoti tas-sajd li kienu allokati lilu, il-Kummissjoni għandha tnaqqas il-kwoti tas-sajd tal-futur ta' dak l-Istat Membru.

(4) L-Artikolu 105(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 jipprevedi li tali tnaqqis tal-kwoti tas-sajd għandu jsir fis-sena/snin ta' wara billi jiġu applikati ċerti fatturi ta' multiplikazzjoni mogħtija f'dawk il-paragrafi.

(5) Ċerti Stati Membri qabżu l-kwoti tas-sajd allokati lilhom għall-2012. Għalhekk hu xieraq li jitwettaq tnaqqis tal-kwoti tas-sajd allokati lilhom fl-2013 u, fejn xieraq, fis-snin ta' wara, għall-istokkijiet fejn sar sajd żejjed.

(6) Fl-2012, Spanja qabżet il-kwota tas-sajd tagħha għall-iskampu fiż-żona IX u X; l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 (NEP/93411). Peress li dan l-istokk huwa suġġett għal pjan multiannwali ([3]), għandu japplika fattur ta' multiplikazzjoni ta' *1,5. Permezz ta' ittra tas-26 ta' Marzu 2013, Spanja talbet li jitqassam it-tnaqqis dovut fuq tliet snin. Meta jitqies li nuqqas sinifikanti ta' kwota se jipproduċi skartar tal-ħut eċċessiv tal-ispeċi kkonċernata, f'konformità mal-punt 3, l-ittra (b) tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji gwida għan-nuqqas ta' kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ([4]) il-Kummissjoni taqbel ma' din it-talba.

(7) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 700/2012 tat-30 ta' Lulju 2012 dwar it-tnaqqis ta' kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2012 minħabba sajd żejjed fis-snin ta' qabel ([5]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1136/2012 tat-30 ta' Novembru 2012 għat-twettiq ta' tnaqqis ta' kwoti tas-sajd disponibbli għal ċerti stokkijiet fl-2012 minħabba sajd żejjed ta' stokkijiet oħrajn fis-snin preċedenti u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 700/2012 fir-rigward tal-ammonti li għandhom jitnaqqsu fis-snin futuri ([6]) wettqu tnaqqis tal-kwoti tas-sajd għal ċerti pajjiżi u speċijiet għall-2012. Madanakollu, għal ċerti Stati Membri t-tnaqqis li kellu jsir kien ikbar mill-kwota rispettiva tagħhom għall-2012 u għalhekk ma setax jitwettaq kollu matul dik is-sena. Sabiex jiġi żgurat li f'tali każijiet jitnaqqas l-ammont kollu, għandhom jitqiesu l-kwantitajiet li jkun għad fadal meta jiġi stabbilit it-tnaqqis tal-kwoti tal-2013 u, fejn xieraq, minn kwoti sussegwenti.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-kwoti tas-sajd stabbiliti fir-Regolamenti (UE) Nru 1262/2012, (UE) Nru 1088/2012, (UE) Nru 1261/2012, (UE) Nru 39/2013 u (UE) Nru 40/2013 għall-2013 qed jitnaqqsu kif juri l-Anness.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika mingħajr preġudizzju għat-tnaqqis previst fir-Regolament tal-Kummisjoni (UE) Nru 165/2011 ([7]).

*Artikolu 2*

It-tnaqqis Spanjol ta' 75,45 tunnellata applikabbli fl-2013 minħabba s-sajd żejjed fl-2012 għall-istokk tal-iskampu fiż-żona IX u X; l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 (NEP/93411) jitqassam fuq tliet snin.

It-tnaqqis annwali applikabbli għall-istokk Spanjol NEP/93411 se jammonta għal 25,15 tunnellata fl-2013, l-2014 u l-2015 mingħajr preġudizzju għal kull adattament ta' kwota addizzjonali minħabba sajd żejjed li sar b'mod sussegwenti.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 23, 25.1.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 23, 25.1.2013, p. 54.
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja tal-Punent u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' speċi żgħar ta' ħlejjaq tal-baħar (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5).
([4]) ĠU C 72, 10.3.2012, p. 27.
([5]) ĠU L 203, 31.7.2012, p. 52.
([6]) ĠU L 331, 1.12.2012, p. 31.
([7]) ĠU L 48, 23.2.2011, p. 11.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Awwissu 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem tal-ispeċi | Isem taż-żona | Kwota inizjali għall-2012 | Ħatt l-art permess fl-2012 (Kwantità totali adattata f'tunnellati) (1) | Qabdiet totali fl-2012 (kwantità f'tunnellati) | Konsum tal-kwota relatat ma' ħatt l-art permess (%) | Sajd żejjed relatat ma' ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati) | Fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Fattur ta' Multiplikazzjoni addizzjonali (3), (4) | Tnaqqis li jifdal mill-2012 | Bilanċ li jifdal (5) | Tnaqqis tal-2013 (kwantità f'tunnellati) | Li għandu jitnaqqas fl-2014 u fis-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnellati) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BEL | PLE | 7FG. | Barbun tat-tbajja' | Iż-żoni VIIf u VIIg | 46 | 185,9 | 202,9 | 109,14 | 17 | / | / | / | / | 17 | |
| BEL | POL | 8ABDE. | Pollakkju | Iż-żoni VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe | 0 | 0 | 0,2 | N.A. | 0,2 | / | / | / | / | 0,2 | |
| CYP | BFT | AE45WM | Tonn | L-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45°W, u l-Mediterran | 66,98 | 16,98 | 17,906 | 105,45 | 0,926 | / | C | / | / | 1,389 | |
| DEU | DGS | 2AC4-C | Mazzola griża | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV | 0 | 0 | 0,870 | N.A. | 0,87 | / | / | / | / | 0,87 | |
| DNK | DGS | 03 A-C. | Mazzola/griża | L-ilmijiet tal-UE taż-żona IIIa | 0 | 0 | 0,82 | N.A. | 0,82 | / | / | / | / | 0,82 | |
| DNK | DGS | 2AC4-C | Mazzola/griża | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV | 0 | 0 | 1,29 | N.A. | 1,29 | / | / | / | / | 1,29 | |
| DNK | HAD | 1N2AB. | Haddock | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II | 0 | 0 | 0,16 | N.A. | 0,16 | / | / | / | / | 0,16 | |
| DNK | HKE | 2AC4-C | Marlozz | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV | 1 119 | 875 | 918,62 | 104,99 | 43,62 | / | C | / | / | 65,43 | |
| DNK | OTH | 1N2AB. | Speċi oħra | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II | 0 | 0 | 4,74 | N.A. | 4,74 | / | / | / | / | 4,74 | |
| DNK | POR | 3-1234 | Pixxiplamtu | L-ilmijiet tal-Gujana Franċiża, il-Kattegat; L-ilmijiet tal-UE ta' Skagerrak, taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV; l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2 | 0 | 0 | 0,32 | N.A. | 0,32 | / | / | / | / | 0,32 | |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem tal-ispeċi | Isem taż-żona | Kwota inizjali għall-2012 | Ħatt l-art permess fl-2012 (Kwantità totali adattata f'tunnellati) (1) | Qabdiet totali fl-2012 (kwantità f'tunnellati) | Konsum tal-kwota relatat ma' ħatt l-art permess (%) | Sajd żejjed relatat ma' ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati) | Fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Fattur ta' Multiplikazzjoni addizzjonali (3), (4) | Tnaqqis li jifdal mill-2012 | Bilanċ li jifdal (5) | Tnaqqis tal-2013 (kwantità f'tunnellati) | Li għandu jitnaqqas fl-2014 u fis-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnellati) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ESP | ALF | 3X14- | Alfonsinos | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV | 74 | 61 | 66,53 | 109,07 | 5,53 | / | / | / | / | 5,53 | |
| ESP | BLI | 5B67- | Linarda | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VI, VII | 62 | 21,07 | 25,29 | 120,03 | 4,22 | / | / | / | 0,07 | 4,29 | |
| ESP | BSF | 56712- | Ċinturin iswed | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI, VII u XII | 124 | 113,12 | 124,57 | 110,12 | 11,45 | / | / | 61,52 | / | 72,97 | |
| ESP | BSF | 8910- | Ċinturin iswed | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIII, IX u X | 11 | 11 | 52,48 | 477,09 | 41,48 | / | / | 0,60 | / | 42,08 | |
| ESP | BUM | ATLANT | Marlin blu | L-Oċean Atlantiku | 24 | 24 | 34,28 | 142,83 | 10,28 | / | / | / | / | 10,28 | |
| ESP | DGS | 15X14 | Mazzola griża | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV | 0 | 0 | 5 | N.A. | 5 | / | / | / | / | 5 | |
| ESP | DWS | 56789- | Klieb il-baħar tal-baħar fond | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI, VII, VIII u IX | 0 | 0 | 11,79 | N.A. | 11,79 | / | / | / | / | 11,79 | |
| ESP | GFB | 89- | Lipp abjad | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VIII u IX | 242 | 189,8 | 246,24 | 129,74 | 56,44 | / | / | / | / | 56,44 | |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem tal-ispeċi | Isem taż-żona | Kwota inizjali għall-2012 | Ħatt l-art permess fl-2012 (Kwantità totali adattata f'tunnellati) (1) | Qabdiet totali fl-2012 (kwantità f'tunnellati) | Konsum tal-kwota relatat ma' ħatt l-art permess (%) | Sajd żejjed relatat ma' ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati) | Fattur ta' multipli-kazzjoni (2) | Fattur ta' Multipli-kazzjoni addizzjona-li (3), (4) | Tnaqqis li jifdal mill-2012 | Bilanċ li jifdal (5) | Tnaqqis tal-2013 (kwantità f'tunnellati) | Li għandu jitnaqqas fl-2014 u fis-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnella-ti) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ESP | GHL | N3LMNO | Ħalibatt tal-Groenlandja | Iż-żona NAFO 3LMNO | 4 486 | 4 687,7 | 4 694,2 | 100,14 | 6,5 | / | C | / | / | 9,75 | |
| ESP | HAD | 5BC6 A. | Haddock | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb u VIa | 0 | 14,27 | 15,07 | 105,61 | 0,80 | / | / | 21,07 | / | 21,87 | |
| ESP | HAD | 7X7A34 | Haddock | Iż-żoni VIIb-k, VIII, IX u X; L-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 | 0 | 106 | 106,08 | 100,08 | 0,08 | / | / | / | / | 0,08 | |
| ESP | HKE | 571 214 | Marlozz | Iż-żoni VI u VII; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV | 9 109 | 12 034,1 | 12 351,35 | 102,64 | 317,25 | / | C | / | / | 475,875 | |
| ESP | NEP | 9/3411 | Skampu | Iż-żoni IX u X; L-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 | 68 | 88 | 138,3 | 157,16 | 50,3 | / | C | / | / | 25,15 (6) | 50,30 |
| ESP | ORY | 1CX14 | Orange roughy | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II, III, IV, V, VIII, IX, X, XII u XIV | 0 | 0 | 0,16 | N.A. | 0,16 | / | / | / | / | 0,16 | |
| ESP | POK | 56-14 | Pollakkju (saithe) | Iż-żona VI; L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, XII u XIV | 0 | 13 | 13,1 | 100,77 | 0,10 | / | / | 27,60 | / | 27,70 | |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem tal-ispeċi | Isem taż-żona | Kwota inizjali għall-2012 | Ħatt l-art permess fl-2012 (Kwantità totali adattata f'tunnellati) (1) | Qabdiet totali fl-2012 (kwantità f'tunnellati) | Konsum tal-kwota relatat ma' ħatt l-art permess (%) | Sajd żejjed relatat ma' ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati) | Fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Fattur ta' Multiplikazzjoni addizzjonali (3), (4) | Tnaqqis li jifdal mill-2012 | Bilanċ li jifdal (5) | Tnaqqis tal-2013 (kwantità f'tunnellati) | Li għandu jitnaqqas fl-2014 u fis-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnellati) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ESP | POR | 3-1234 | Pixxiplamtu | L-ilmijiet tal-Gujana Franċiża, il-Kattegat; L-ilmijiet tal-UE ta' Skagerrak, taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV; l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2 | 0 | 0 | 0,01 | N.A. | 0,01 | / | / | / | / | 0,01 | |
| ESP | PRA | N3L. | Gamblu tat-Tramuntana | Iż-żona NAFO 3L | 105,5 | 33,8 | 33,8 | 100 | 0 | / | / | 6,30 | / | 6,30 | |
| ESP | SOL | 8AB. | Lingwata komuni | Iż-żoni VIIIa u VIIIb | 10 | 9,47 | 11,31 | 119,43 | 1,84 | / | C | 0,52 | / | 3,28 | |
| ESP | USK | 567EI. | Tusk | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII | 14 | 0,15 | 0,15 | 100 | 0 | / | / | 28,55 | / | 28,55 | |
| FRA | HAD | 7X7A34 | Haddock | Iż-żoni VIIb-k, VIII, IX u X; L-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 | 11 096 | 11 357 | 11 911 | 104,88 | 554 | / | / | / | / | 554 | |
| FRA | MAC | *8ABD. | Kavalli | Iż-żoni VIIIa, VIIIb u VIIId | 50,25 | 50,25 | 50,30 | 100,10 | 0,05 | / | / | / | / | 0,05 | |
| GBR | COD | N01514 Kodiċi ġdid N1GL14 | Merluzz | L-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni NAFO 0 u 1; l-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV | 364 | 1 116,4 | 1 165,1 | 104,36 | 48,7 | / | / | / | / | 48,7 | |
| GBR | DGS | 15X14 | Mazzola griża | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV | 0 | 0 | 2,8 | N.A. | 2,8 | / | / | / | / | 2,8 | |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem tal-ispeċi | Isem taż-żona | Kwota inizjali għall-2012 | Ħatt l-art permess fl-2012 (Kwantità totali adattata f'tunnellati) (1) | Qabdiet totali fl-2012 (kwantità f'tunnellati) | Konsum tal-kwota relatat ma' ħatt l-art permess (%) | Sajd żejjed relatat ma' ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati) | Fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Fattur ta' Multiplikazzjoni addizzjonali (3), (4) | Tnaqqis li jifdal mill-2012 | Bilanċ li jifdal (5) | Tnaqqis tal-2013 (kwantità f'tunnellati) | Li għandu jitnaqqas fl-2014 u fis-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnellati) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GBR | DGS | 2AC4-C | Mazzola griża | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV | 0 | 0 | 0,3 | N.A. | 0,3 | / | / | / | / | 0,3 | |
| GBR | GHL | 2A-C46 | Ħalibatt tal-Groenlandja | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb u VI | 123 | 62 | 67 | 108,06 | 5 | / | / | / | / | 5 | |
| GBR | GHL | 514GRN | Ħalibatt tal-Groenlandja | L-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV | 275 | 0 | 1 | N.A. | 1 | / | / | / | / | 1 | |
| GBR | GHL | N01GRN Kodiċi ġdid GHL/NIGRN. | Ħalibatt tal-Groenlandja | L-ilmijiet tal-Groenlandja tan-NAFO 0 u 1 | 0 | 0 | 0,2 | N.A. | 0,2 | / | / | / | / | 0,2 | |
| GBR | HAD | 7X7A34 | Haddock | Iż-żoni VIIb-k, VIII, IX u X; L-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 | 1 665 | 1 822 | 1 891,5 | 103,81 | 69,5 | / | / | / | / | 69,5 | |
| GBR | HAL | 514GRN | Ħalibatt tal-Atlantiku | L-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV | 0 | 0 | 1,8 | N.A. | 1,8 | / | / | / | / | 1,8 | |
| GBR | HER | 5B6ANB | Aringi | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb, VIb u VIaN | 13 837 | 11 931,5 | 12 064,2 | 101,11 | 132,7 | / | C | / | / | 199,05 | |
| GBR | NOP | 2A3A4. | Norway pout u qabdiet inċidentali assoċjati | Iż-żona IIIa; l-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV | 0 | 0 | 6 | N.A. | 6 | / | / | / | / | 6 | |
| GBR | PLE | 7FG. | Barbun tat-tbajja' | Iż-żoni VIIf u VIIg | 43 | 41,6 | 43,7 | 105,05 | 2,1 | / | / | / | / | 2,1 | |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem tal-ispeċi | Isem taż-żona | Kwota inizjali għall-2012 | Ħatt l-art permess fl-2012 (Kwantità totali adattata f'tunnellati) (1) | Qabdiet totali fl-2012 (kwantità f'tunnellati) | Konsum tal-kwota relatat ma' ħatt l-art permess (%) | Sajd żejjed relatat ma' ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati) | Fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Fattur ta' Multiplikazzjoni addizzjonali (3), (4) | Tnaqqis li jifdal mill-2012 | Bilanċ li jifdal (5) | Tnaqqis tal-2013 (kwantità f'tunnellati) | Li għandu jitnaqqas fl-2014 u fis-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnellati) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GBR | POR | 3-1234 | Pixxiplamtu | L-ilmijiet tal-Gujana Franċiża, il-Kattegat; L-ilmijiet tal-UE ta' Skagerrak, taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV; l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2 | 0 | 0 | 0,1 | N.A. | 0,1 | / | / | / | / | 0,1 | |
| GBR | RED | 514GRN Kodiċi ġdid RED/N1G14P | Redfish | L-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV | 31 | 31 | 31,3 | 100,97 | 0,3 | / | / | / | / | 0,3 | |
| GBR | WHG | 56-14 | Merlangu | Iż-żona VI; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV | 176 | 202 | 204,9 | 101,44 | 2,9 | / | / | / | / | 2,9 | |
| GRC | BFT | AE45WM | Tonn | L-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u l-Mediterran | 124,37 | 174,37 | 176,36 | 101,14 | 1,99 | / | C | / | / | 2,985 | |
| IRL | HAD | 7X7A34 | Haddock | Iż-żoni VIIb-k, VIII, IX u X; L-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 | 3 699 | 3 745 | 4 126,037 | 110,17 | 381,037 | 1,2 | / | / | / | 457,244 | |
| IRL | PLE | 7FG. | Barbun tat-tbajja' | Iż-żoni VIIf u VIIg | 197 | 72 | 76,21 | 105,86 | 4,21 | / | / | / | / | 4,21 | |
| IRL | PLE | 7HJK. | Barbun tat-tbajja' | Iż-żoni VIIh, VIIj u VIIk | 77 | 86 | 99,3 | 115,47 | 13,3 | / | / | / | / | 13,3 | |
| IRL | SOL | 7BC. | Lingwata komuni | Iż-żoni VIIb u VIIc | 37 | 37 | 37,688 | 101,86 | 0,688 | / | / | / | / | 0,688 | |
| IRL | WHG | 07 A. | Merlangu | Iż-żona VIIa | 52 | 56 | 57,089 | 101,94 | 1,089 | / | / | / | / | 1,089 | |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem tal-ispeċi | Isem taż-żona | Kwota inizjali għall-2012 | Ħatt l-art permess fl-2012 (Kwantità totali adattata f'tunnellati) (1) | Qabdiet totali fl-2012 (kwantità f'tunnellati) | Konsum tal-kwota relatat ma' ħatt l-art permess (%) | Sajd żejjed relatat ma' ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati) | Fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Fattur ta' Multiplikazzjoni addizzjonali (3), (4) | Tnaqqis li jifdal mill-2012 | Bilanċ li jifdal (5) | Tnaqqis tal-2013 (kwantità f'tunnellati) | Li għandu jitnaqqas fl-2014 u fis-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnellati) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| LTU | GHL | N3LMNO | Ħalibatt tal-Groenlandja | Iż-żona NAFO 3LMNO | 23 | 112,58 | 207,433 | 184,25 | 94,853 | / | C | / | / | 142,279 | |
| LTU | JAX | 2A-14 | Sawrell u qabdiet inċidentali assoċjati | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IVa; iż-żoni VI, VIIa-c,VIIe-k, VIIIa, VIIIb, VIIId u VIIIe; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV | 0 | 1 840 | 1 838,319 | 99,91 | – 1,681 | / | / | 608,80 | / | 606,119 | |
| NLD | BSF | 56712- | Ċinturin iswed | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI, VII u XII | 0 | 0 | 0 | 0 | / | / | / | / | 5 | 5 | |
| NLD | DGS | 15X14 | Mazzola/griża | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV | 0 | 0 | 1,622 | N.A. | 1,622 | / | / | / | / | 1,622 | |
| NLD | DGS | 2AC4-C | Mazzola/griża | L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa u IV | 0 | 0 | 1,23 | N.A. | 1,23 | / | / | / | / | 1,23 | |
| NLD | HKE | 571214 | Marlozz | Iż-żoni VI u VII; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV | 183 | 56 | 110,565 | 197,44 | 54,565 | / | C | / | / | 81,848 | |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem tal-ispeċi | Isem taż-żona | Kwota inizjali għall-2012 | Ħatt l-art permess fl-2012 (Kwantità totali adattata f'tunnellati) (1) | Qabdiet totali fl-2012 (kwantità f'tunnellati) | Konsum tal-kwota relatat ma' ħatt l-art permess (%) | Sajd żejjed relatat ma' ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati) | Fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Fattur ta' Multiplikazzjoni addizzjonali (3), (4) | Tnaqqis li jifdal mill-2012 | Bilanċ li jifdal (5) | Tnaqqis tal-2013 (kwantità f'tunnellati) | Li għandu jitnaqqas fl-2014 u fis-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnellati) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| NLD | HKE | *57-14 | Marlozz | Iż-żoni VI u VII; l-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żona Vb; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni XII u XIV | 6 | 6 | 6,198 | 103,30 | 0,198 | / | C | / | / | 0,297 | |
| NLD | LEZ | 07. | Megrims | Iż-żona VII | 0 | 0 | 0,056 | N.A. | 0,056 | / | / | / | / | 0,056 | |
| NLD | SBR | 678- | Paġell | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni VI, VII u VIII | 0 (6 għal oħrajn) | 0 (6 għal oħrajn) | 8,615 | 143,58 (imqabbel ma' 6) | 2,615 | | | / | 6 | 8,615 | |
| NLD | SRX | 07D. | Rebekkini u raj | L-ilmijiet tal-UE taż-żona VIId | 4 | 12 | 12,015 | 100,13 | 0,015 | / | / | / | / | 0,015 | |
| POL | COD | 1/2B. | Merluzz | Iż-żoni I u IIb | 2 285 | 3 565 | 3 565,574 | 100,02 | 0,574 | / | / | / | / | 0,574 | |
| POL | GHL | 1N2AB | Ħalibatt tal-Groenlandja | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | / | / | / | 1 | 1 | |
| POL | HAD | 2AC4 | Haddock | Iż-żona IV; L-ilmijiet tal-UE taż-żona IIa | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | / | / | / | 16 | 16 | |
| POL | HER | 3D-R30 | Aringi | L-ilmijiet tal-UE tas-Subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32 | 19 537 | 19 537 | 21 270,651 | 108,87 | 1 733,651 | 1,1 | / | / | / | 1 907,016 | |
| POL | MAC | 2A34 | Kavalli | Iż-żoni IIIa u IV; L-ilmijiet tal-UE taż-żoni IIa, IIIb, IIIc u s-Subdiviżjonijiet 22-32 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | / | / | / | 5 | 5 | |
| POL | RED | 514GRN | Redfish | L-ilmijiet tal-Groenlandja taż-żoni V u XIV | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | / | / | / | 1 | 1 | |
| POL | SPR | 3BCD-C | Laċċa kaħla u qabdiet inċidentali assoċjati | L-ilmijiet tal-UE tas-Subdiviżjonijiet 22-32 | 66 128 | 66 128 | 66 605,314 | 100,72 | 477,314 | / | / | / | / | 477,314 | |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem tal-ispeċi | Isem taż-żona | Kwota inizjali għall-2012 | Ħatt l-art permess fl-2012 (Kwantità totali adattata f'tunnellati) (1) | Qabdiet totali fl-2012 (kwantità f'tunnellati) | Konsum tal-kwota relatat ma' ħatt l-art permess (%) | Sajd żejjed relatat ma' ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati) | Fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Fattur ta' Multiplikazzjoni addizzjonali (3), (4) | Tnaqqis li jifdal mill-2012 | Bilanċ li jifdal (5) | Tnaqqis tal-2013 (kwantità f'tunnellati) | Li għandu jitnaqqas fl-2014 u fis-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnellati) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| POL | WHB | 1X14 | Stokkafixx | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIIIa, VIIIb, VIIId, VIIIe, XII u XIV | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | / | / | / | 8 | 8 | |
| PRT | ALF | 3X14- | Alfonsinos | L-ilmijiet tal-UE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV | 214 | 203 | 239,129 | 117,8 | 36,129 | / | A | / | / | 54,194 | |
| PRT | BUM | ATLANT | Marlin blu | L-Oċean Atlantiku | 48,6 | 48,6 | 61,673 | 126,9 | 13,073 | / | / | 3,30 | / | 16,373 | |
| PRT | COD | 1/2B. | Merluzz | Iż-żoni I u IIb | 2 449 | 1 946,7 | 1 946,95 | 100,01 | 0,25 | / | / | / | / | 0,25 | |
| PRT | GHL | 1N2AB | Ħalibatt tal-Groenlandja | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II | 0 | 0 | 1,508 | / | 0 | / | / | / | 11,00 | 12,508 | |
| PRT | HAD | 1N2AB | Haddock | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II | 0 | 23,93 | 23,926 | 99,98 | – 0,004 | / | / | / | 383,93 | 383,926 | |
| PRT | MAC | 8C3411 | Kavalli | Iż-żoni VIIIc, IX u X; L-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 | 6 258 | 5 471,5 | 5 472,57 | 100,02 | 1,07 | / | / | / | / | 1,07 | |
| PRT | NEP | 08C. | Skampu | Iż-żona VIIIc | 0 | 0 | 0,963 | N.A. | 0,963 | / | C | / | / | 1,444 | |
| PRT | PLE | 8/3411 | Barbun tat-tbajja' | Iż-żoni VIII, IX u X; l-ilmijiet tal-UE ta' CECAF 34.1.1 | 66 | 64,8 | 71,506 | 110,35 | 6,706 | / | / | / | / | 6,706 | |
| PRT | POK | 1N2AB. | Pollakkju (saithe) | L-ilmijiet Norveġiżi taż-żoni I u II | 0 | 8,16 | 8,16 | 100 | 0 | / | / | / | 223,06 | 223,06 | |
| PRT | POL | 08C. | Pollakkju | Iż-żona VIIIc | 0 | 0 | 0,043 | N.A. | 0,043 | / | / | / | / | 0,043 | |
| PRT | RED | N3NL | Redfish | Iż-żona NAFO 3LN | 0 | 982,5 | 1 204,691 | 122,61 | 222,191 | 1,4 | / | / | / | 311,067 | |

| Stat Membru | Kodiċi tal-ispeċi | Kodiċi taż-żona | Isem tal-ispeċi | Isem taż-żona | Kwota inizjali għall-2012 | Ħatt l-art permess fl-2012 (Kwantità totali adattata f'tunnellati) (1) | Qabdiet totali fl-2012 (kwantità f'tunnellati) | Konsum tal-kwota relatat ma' ħatt l-art permess (%) | Sajd żejjed relatat ma' ħatt l-art permess (kwantità f'tunnellati) | Fattur ta' multiplikazzjoni (2) | Fattur ta' Multiplikazzjoni addizzjonali (3), (4) | Tnaqqis li jifdal mill-2012 | Bilanċ li jifdal (5) | Tnaqqis tal-2013 (kwantità f'tunnellati) | Li għandu jitnaqqas fl-2014 u fis-sena/snin ta' wara (kwantità f'tunnellati) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PRT | WHM | ATLANT | Marlin abjad | L-Oċean Atlantiku | 21,8 | 21,8 | 26,021 | 119,36 | 4,221 | / | / | / | / | 4,221 | |
| ROU | TUR | F3742C | Barbun imperjali | L-ilmijiet tal-UE u l-Baħar l-Iswed | 43,2 | 43,2 | 43,213 | 100,03 | 0,013 | / | / | / | / | 0,013 | |

(1) Il-kwoti huma disponibbli għal Stat Membru skont ir-Regolamenti rilevanti dwar l-opportunitajiet tas-sajd wara li jitqiesu l-iskambji ta' opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 20(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59), it-trasferimenti ta' kwoti skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3) u/jew ir-riallokazzjoni u t-tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikoli 37 u 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 147/2007 (ĠU L 46, 16.2.2007, p. 10) u r-Regolament (UE) Nru 165/2011 fejn rilevanti

(2) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. It-tnaqqis daqs is-sajd żejjed *1,00 għandu japplika f'kull każ ta' 100 tunnellata sajd żejjed jew inqas.

(3) Kif stabbilit fl-Artikolu 105(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

(4) L-ittra "a" tindika li ġie applikat fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali ta' 1,5 minħabba s-sajd żejjed konsekuttiv fl-2010, l-2011 u l-2012. L-ittra "c" tindika li ġie applikat fattur ta' multiplikazzjoni addizzjonali ta' 1,5 għax l-istokk ikun soġġett għal pjan multiannwali.

(5) Il-kwantitajiet li jifdal relatati mas-sajd żejjed fis-snin ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u li ma jistgħux jitnaqqsu minn stokk ieħor.

(6) Fuq talba ta' Spanja, l-irkupru ta' 75,45 tunnellata dovuti fl-2013 se jitqassmu fuq tliet snin, jiġifieri 25,15 tunnellata fis-sena (l-2013, l-2014 u l-2015).

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 771/2013**

**tad-9 ta' Awwissu 2013**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Awwissu 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0709 93 10 | TR | 133,0 |
| | ZZ | 133,0 |
| 0805 50 10 | AR | 94,6 |
| | BO | 85,6 |
| | CL | 98,7 |
| | TR | 71,0 |
| | UY | 100,1 |
| | ZA | 100,5 |
| | ZZ | 91,8 |
| 0806 10 10 | EG | 180,3 |
| | MA | 175,3 |
| | MX | 222,4 |
| | TR | 164,0 |
| | ZZ | 185,5 |
| 0808 10 80 | AR | 150,3 |
| | BR | 105,7 |
| | CL | 127,8 |
| | CN | 88,7 |
| | NZ | 129,3 |
| | US | 139,5 |
| | ZA | 110,6 |
| | ZZ | 121,7 |
| 0808 30 90 | AR | 181,4 |
| | CL | 179,1 |
| | NZ | 194,4 |
| | TR | 154,7 |
| | ZA | 121,8 |
| | ZZ | 166,3 |
| 0809 29 00 | TR | 370,8 |
| | US | 979,2 |
| | ZZ | 675,0 |
| 0809 30 | TR | 151,0 |
| | ZZ | 151,0 |
| 0809 40 05 | BA | 63,6 |
| | MK | 61,9 |
| | TR | 92,4 |
| | XS | 57,7 |
| | ZZ | 68,9 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

## AVVIŻ LILL-QARREJJA

**Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 1), mill-1 ta' Lulju 2013, l-edizzjoni elettronika biss tal-Ġurnal Uffiċjali għandha tiġi meqjusa awtentika u għandu jkollha effett legali.

Fejn ma jkunx possibbli li tiġi ppubblikata l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux previsti, l-edizzjoni stampata għandha tkun awtentika u għandu jkollha effett legali skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 216/2013.

## NOTA LILL-QARREJJA – KIF TIRREFERI GĦALL-ATTI

Mill-1 ta' Lulju 2013, il-mod ta' kif jiġu ċċitati l-atti nbidel.

Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni, il-metodu l-ġdid jibqa' jeżisti flimkien mal-qadim.

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT